# SHAREHOLDERS' NEWS

**Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors**
**MASS VO 0629**
***Address: C/O Malta Stock Exchange Plc.***
***Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063 - Malta***
***website: mass.org.mt  email: info@mass.org.mt***

## Editorjal *minn Tarcisio Barbara*



Għeżież Azzjonisti,

Nispera li tinsabu tajbin, bħalma ninsabu aħna. Qed nikteb fl-aħħar ġimgħa ta' Marzu u nista' ngħid li kellna xahar mimli daqs bajda, kif ngħidu bil-Malti, b'laqgħat u avvenimenti.

L-Assoċjazzjoni MASS, kif se taraw minn dan il-fuljett, kompliet miexja fid-direzzjoni t-tajba u jidher ċar li minn dawn il-laqgħat u l-avvenimenti qed joħroġ ħafna frott. Biżżejjed ngħidu li, il-Laqgħa Ġenerali Annwali li organizzat il-MASS dan ix-xahar, kienet suċċess kbir. Kellna attendenza rekord; fil-fatt, applikaw biex jattendu 90 persuna, għalkemm fl-aħħar in-numru naqas xi ftit minħabba każijiet ta' mard. Matul u wara din il-laqgħa, il-MASS irċeviet diversi ringrazzjamenti u ħafna kliem ta' tifħir. Rapport dettaljat ta' din il-laqgħa se ssibuh fil-ħarġa li jmiss ta' April.

Matul dan ix-xahar, il-ħidma kompliet b'serjetà, u anke qabel u waqt il-konferenzi, iddiskutejna diversi suġġetti attwali relatati ma' kumpaniji differenti, fosthom: Hili, Malita, MIDI, HSBC u Credia Bank, fost oħrajn. Nittamaw li fil-futur dawn il-laqgħat ikomplu jagħtu frott.

Dan huwa t-tielet magażin ta' din is-sena, u bħas-soltu mimli tagħrif u artikli interessanti. F'din in-*Newsletter*, numru 98 għal Marzu 2026, issibu l-**Editorjal** miktub minni, Tarcisio Barbara, fil-kariga ta' Viċi-President u Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-MASS. Wara ssibu **Impenji tal-MASS**, miktub minni wkoll, fejn qed nirrapportaw l-attivitajiet kollha tal-MASS matul ix-xahar ta' Frar 2026. Imbagħad hemm **Kopja tal-ittra li ntbagħtet lill-Ministru tal-Artijiet, Dr Owen Bonnici, dwar il-każ tal-MIDI**. Issibu wkoll xi **Wħud mill-Messaġġi, Ittri u Imejls tagħkom**. Fl-aħħar nett, f'paġna 19 issibu wkoll l-**Avviżi**.

Nittamaw li, bħal dejjem, issibu din ir-rivista interessanti. Min-naħa tagħna, nixtiequ nisimgħu l-kummenti tagħkom. Nixtieq ukoll, f'isem sħabi, nirringrazzja lill-għadd kbir ta' membri li kitbulna jew ċemplulna biex jirringrazzjawna, kif ukoll lil dawk li tawna l-appoġġ tagħhom biex inkomplu mexjin 'il quddiem. Min għandu xi artiklu li nistgħu nippubblikaw, jekk jogħġobkom għadduhulna.

Nirringrazzjakom tal-appoġġ kontinwu tagħkom u nirringrazzja b'mod speċjali lill-i*sponsors* kollha li tarawhom fil-lista "**Companies Supporting the Malta Association of Minority Shareholders and Retail Investors (MASS)**" fl-aħħar paġna. Inrodd ħajr ukoll, f'isem il-MASS, lill-kontributuri kollha ta' dan il-fuljett.

---

***Disclaimer***

*L-artikli f'dan il-fuljett qed jiġu ppubblikati biss għal skop ta' informazzjoni u m'għandux jiġi interpretat bħala parir dwar investiment, legali jew fiskali, jew bħala rakkomandazzjoni biex tixtri, tbigħ, jew iżżomm xi sigurtà, strateġija ta' investiment jew settur tas-suq. Investituri prospettivi huma dejjem imħeġġa biex jikkonsultaw mal-Konsulent tal-Investiment tagħhom qabel ma jagħmlu investiment. Il-prestazzjoni tal-passat mhijiex garanzija ta' riżultati futuri, u l-valur tal-investimenti jista' jinżel kif ukoll jiżdied. Il-MASS ma taċċetta l-ebda responsabbiltà tkun xi tkun għal kwalunkwe spiża, telf jew danni li jirriżultaw minn, jew b'xi mod konness mal-użu ta' dawn l-artikli kollha jew xi parti minnhom.*

**Indirizz**

**Editur, ritratti u ssettjar: Tarcisio Barbara**
**Qari tal-Provi: Paul Callus**
**Disinn tal-Logo u Stampat:**
**Print Right Ltd. - Ħal Qormi**

***Kulma jinkiteb f'dan il-fuljett mhux bilfors jirrifletti l-fehma tal-Membri tal-Kumitat tal-MASS.***

NEWSPAPERPOST



# Impenji tal-MASS Frar 2026

*Minn Tarcisio Barbara*

**Fit-3 ta' Frar 2026**, f'nofsinhar, membri mill-kumitat tal-MASS kellhom laqgħa onlajn mal-bank APS. Din kienet laqgħa ta' informazzjoni dwar l-andament tal-bank APS, kif ukoll opportunità biex jinqasmu xi ħsibijiet dwar il-bank. Fil-bidu, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv tal-bank, is-Sur Marcel Cassar, għamel introduzzjoni. Wara, is-Sur Josef Portelli, *Head of Investment Management* tal-bank, tkellem dwar is-suq finanzjarju globali u ta ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi f'dan is-settur. Sussegwentement, is-Sur Giovanni Bartolotta, *Chief Risk Officer*, tkellem dwar is-settur bankarju u ta analiżi tal-andament tiegħu.

Imbagħad kien imiss is-Sinjura Liana DeBattista, li tokkupa l-kariga ta' *Chief Strategy Officer* tal-bank, fejn tat ħarsa lejn il-prijoritajiet strateġiċi tal-bank għall-perijodu 2026–2028. Wara, l-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sur Ronald Mizzi, tkellem dwar il-finanzi tal-bank. Huwa beda billi spjega x'qed jistennew fir-rapport finanzjarju tal-2025, u wara ta ħarsa ġenerali lejn l-2026. It-tbassir tal-bank huwa li jikseb €24.8 miljun profitt qabel it-taxxa u €13.5 miljun wara t-taxxa. Qed jistennew ukoll li l-ktieb tas-self jibqa' jikber minn 5% s-sena l-oħra għal 10% din is-sena. Id-dħul mistenni jkompli jiżdied minn 15% s-sena l-oħra għal 20% din is-sena.







Imbagħad kien hemm ħin għal mistoqsijiet mill-parteċipanti. L-ewwel mistoqsija kienet dwar is-suq lokali, li f'dak iż-żmien ma kienx sejjer tajjeb, u x'kien qed jagħmel il-bank f'dan ir-rigward. Fir-risposta ntqal li qed jaħdmu bis-sħiħ biex il-bank jagħti riżultati aħjar għall-benefiċċju tal-azzjonisti, u b'hekk jgħinu wkoll lis-suq lokali. Mistoqsija oħra kienet dwar it-tibdil li għaddej fis-settur bankarju. Ir-risposta kienet li t-tibdil li sar s'issa qed jaffettwa lill-bank b'mod pożittiv.

Mistoqsija oħra kienet jekk hux se jkun hemm dividend f'Mejju. Ir-risposta kienet fil-pożittiv, u ntqal li diġà qed jaħdmu fuqu. F'Marzu kellha ssir ir-rakkomandazzjoni dwar dan id-dividend. Dwar mistoqsija oħra relatata ma' xiri lura (*buyback*), intqal li iva, qed jiddiskutu din il-kwistjoni, bil-għan li sal-laqgħa ġenerali annwali li jmiss ikunu studjawha sew u jiddeċiedu x'se jagħmlu.

Il-vidjo ta' din il-laqgħa tistgħu ssibuh fuq il-websajt tal-bank – *Investors Relations.*

# Importers & Distributors of leading household brands.

## M&Z at a Glance

- **Listed on Malta Stock Exchange**
- **2,000+** Retail & Horeca Partners in Malta
- **100+** Household Brands
- **Serving Maltese Families for over 100 Years**

## BRAND PORTFOLIO

**A selection of our brands...**

Knorr, Ella's kitchen, Flora, [yellow tail], Hanini, Hellmann's, Emborg, Vaseline, Walker's, Kopparberg, Prince, Blue Angel

## SHAREHOLDER PRIVILEGE PROGRAMME

**We're proud to continue rewarding our shareholders through the M&Z p.l.c. Shareholder Privilege Card**, offering exclusive, year-round discounts on groceries and other items via whatsinstore.com.mt

What's INSTORE

Apply for your shareholder privilege card by emailing **invest@mz.com.mt**

Terms & conditions apply.

**Exclusive to M&Z Shareholders**

**mz.com.mt**

**Fil-5 ta' Frar 2026**, filgħodu, ġiet organizzata l-ewwel ħarġa tal-MASS għal din is-sena. Din il-ħarġa saret ġewwa Manoel Island, fejn żorna l-Forti Manoel. Meta wasal kulħadd u ltqajna ħdejn il-bieb prinċipali tal-forti, is-Sur Vincent Zammit, li huwa gwida professjonali, beda jagħti spjegazzjoni barra l-forti dwar il-Kavallieri ta' Malta u dwar l-iżviluppi u l-bini li ħallew warajhom. Tkellem ukoll dwar il-Lazzarett, u daħal fid-dettal dwar din il-binja f'Manoel Island. Barra minn hekk, spjega dwar il-wasla tal-Franċiżi u tal-Ingliżi f'Malta, u ta ħarsa ġenerali lejn l-istorja ta' Malta. Il-Forti Manoel tlesta fl-1726, u nbena mill-Granmastru Antoine Manoel de Vilhena.

Wara, tlajna fil-pjazza prinċipali tal-forti fejn kompliet l-ispjegazzjoni. Imbagħad dħalna fil-Kappella ta' Sant'Antnin, fejn intgħatat ukoll spjegazzjoni dettaljata waqt li l-parteċipanti kienu bilqiegħda jisimgħu. Intqal li din il-kappella kienet immexxija minn kappillan konventwali. Ġie spjegat ukoll li l-Perit François de Mondion kien involut fil-bini tal-fortizza u tal-kappella, u li hu jinsab midfun fil-kripta taħt l-istess kappella.










Aktar tard, lejn l-aħħar taż-żjara, morna fil-polverista, fejn intgħatat spjegazzjoni dettaljata dwar din il-binja wkoll. Finalment, fil-pjazza prinċipali, il-parteċipanti ġew mistiedna għal bibita żgħira. Nirringrazzjaw lill-bord tal-MIDI u lill-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Mark Portelli, għal din iż-żjara li kienet ta' suċċess kbir.

**Fis-6 ta' Frar 2026**, wara nofsinhar, delegazzjoni mill-kumitat tal-MASS, attendiet għal laqgħa ġewwa l-kwartieri tal-HSBC Bank, f'Ħal Qormi. Min-naħa tal-bank kienu preżenti s-Sinjura Paula Mamo, Segretarja tal-Bord, kif ukoll is-Sur Sergio Bellizzi, *Head of Distribution*. Is-suġġett ewlieni tal-laqgħa kien il-bejgħ ta' ishma fl-HSBC Bank Malta p.l.c. li hu propost li jseħħ minn HSBC Continental Europe (HBCE) għal CrediaBank S.A. (Credia), u li għadu soġġett għall-approvazzjoni tar-regolatur. Din il-laqgħa saret wara diskussjoni li kienet seħħet aktar qabel mal-istess bank, fejn tqajmu diversi mistoqsijiet validi min-naħa tal-MASS.



Ir-rappreżentanti tal-bank spjegaw li l-prijorità tal-bank hi li jkun hemm proċess ta' transizzjoni kemm jista' jkun bla xkiel għall-klijenti. Is-Sur Anthony Farrugia, President tal-MASS, irrimarka li l-HSBC għandhom 360 miljun sehem u fuq is-suq lokali (free-float), minnhom għandhom 108 miljun sehem. Huwa spjega li l-kumpanija GO kienet kisbet madwar 5% tas-suq wara offerta volontarja li kienet saret qabel. Żied jgħid li hu jaħseb li l-*free-float* tal-bank jista' jonqos b'madwar 5% wara t-trasferiment lejn CrediaBank, minħabba li jista' jkun hemm investituri li jagħżlu li joħorġu.

Min-naħa tiegħu, is-Sur Sergio Bellizzi esprima ottimiżmu għall-futur tal-bank, u qal li Credia esprimew illi l-akkwist prospettiv tagħhom tal-ishma fil-bank hija opportunità strateġika għalihom u li huma lesti jinvestu u jkabbru l-bank, u b'hekk il-bank jibqa' jibbenefika.

Is-Sur Farrugia ssuġġerixxa l-possibbiltà ta' *buyback* u *scrip dividend*, peress li dawn jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-bank. Is-Sur Tarcisio Barbara rrimarka li hemm ċertu xettiċiżmu fost l-azzjonisti, u għalhekk huwa importanti li l-bank iwassal messaġġ ċar li se jkompli jikber, se jżid il-prodotti tiegħu, u jesplora opportunitajiet ġodda, inkluż il-ftuħ ta' aktar fergħat.

Waqt il-laqgħa, ġie rikonoxxut li l-bank għandu kapital biżżejjed biex ikompli jikber. Barra minn hekk, issemmiet ukoll illi l-bank diġà kkommetta illi jagħti dividend kull tliet xhur, tal-inqas, sakemm iseħħ l-akkwist minn Credia (soġġett għall-approvazzjoni tad-diretturi u r-regolatur), li ġiet milqugħa b'mod pożittiv mill-investituri. Fl-aħħar nett intqal li biex dan l-akkwist iseħħ, hija meħtieġa l-approvazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew u l-MFSA. Dan il-proċess ġa beda.

Intant l-aħħar żviluppi kienu mħabbra fit-23 ta' Diċembru 2025, meta l-bank ħabbar li l-HBCE u Credia daħlu fi ftehim definittiv għall-bejgħ u x-xiri tal-ishma tal-HBCE fil-bank. Il-Bank HBCE u Credia daħlu wkoll fi ftehim ta' kooperazzjoni biex jirregola l-obbligi rispettivi tagħhom matul it-transizzjoni minn azzjonist maġġoritarju għal ieħor.

**Fid-9 ta' Frar 2026**, filgħodu, żewġ membri mill-Kumitat tal-MASS kellna laqgħa onlajn mas-Sur Mark Scicluna mill-MFSA. Din il-laqgħa saret peress li l-MFSA kienet qed tikkunsidra li torganizza inizjattiva għall-azzjonisti u l-investituri b'rabta mal-avveniment *Europe Money Week*, li se jiġi organizzat bejn is-16 u t-22 ta' Marzu 2026. Is-Sur Scicluna, li fi ħdan l-MFSA jaħdem fil-qasam tal-litteriżmu finanzjarju, esprima x-xewqa li l-MFSA toħroġ artiklu mmirat lejn l-investituri bħala tħejjija għal dan l-avveniment. Aħna, bħala assoċjazzjoni, aċċettajna mill-ewwel din l-offerta u ftehemna li dan l-artiklu għandu jsir aktar tard.

Matul din il-laqgħa ġew diskussi wkoll diversi preokkupazzjonijiet li bħalissa qed jesprimu l-azzjonisti, b'mod partikolari minħabba l-andament baxx tas-suq tal-Borża. Issemmew ukoll il-*voluntary bids*, kif ukoll il-fatt li xi laqgħat ġenerali annwali qed isiru fl-istess ġurnata.

**Fil-11 ta' Frar 2026**, wara nofsinhar, delegazzjoni mill-kumitat tal-MASS attendiet għal laqgħa mal-kumpanija LifeStar Insurance. Din il-laqgħa ġiet mitluba min-naħa tal-MASS wara diversi lmenti li waslulna mingħand il-membri tagħna, b'mod partikolari dawk li huma azzjonisti f'din il-kumpanija. Min-naħa tal-kumpanija attendew id-Direttur, is-Sur Roberto Apap Bologna, kif ukoll l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv il-ġdid, is-Sur Jonathan Camilleri. Minnufih, jiena, Tarcisio Barbara, qajjimt il-kwistjoni tad-data tal-Laqgħa Ġenerali Annwali, peress li din se taħbat ma' laqgħa ta' kumpanija oħra. Għaldaqstant tlabt li, jekk possibbli, tinbidel id-data sabiex ma jkunux diżappuntati l-azzjonisti. Fakkarthom ukoll li s-sena l-oħra kienet seħħet sitwazzjoni simili, li wasslet għal diżappunt fost l-azzjonisti.

Is-Sur Apap Bologna wieġeb li huwa diffiċli li jinbidlu d-dati u l-ħinijiet tal-laqgħat minħabba l-impenn tad-diretturi li jiġu minn barra, li jkunu marbutin ma' ċerti dati. Għaldaqstant, ipproponejna li, jekk xejn, jinbidel il-ħin tal-laqgħa u, jekk possibbli u jekk il-post għadu ma ġiex ibbukkjat, issir ġewwa Trident Park, l-Imrieħel, sabiex tkun aktar konvenjenti għall-azzjonisti, speċjalment jekk aktarx ikun hemm laqgħa oħra fl-istess post. Hawnhekk tlabna jekk hux possibbli li ssir laqgħa ta' informazzjoni fuq il-kumpanija. Huma qalu li jaqblu ma' din il-proposta.

Matul il-laqgħa ntqal li l-azzjonisti fil-LifeStar Insurance huma madwar 600, filwaqt li fil-LifeStar Holdings hemm madwar 900. Is-Sur John Cachia staqsa dwar l-investigazzjoni li kienet qed issir mill-MFSA. Is-Sur Apap Bologna spjega li din bdiet fl-2020, u li fl-2024 ġew ingaġġati Mazars, u li ntlaħaq *settlement agreement*. Issa qed jistennew risposta mill-MFSA sabiex jingħalaq il-każ. F'dan ir-rigward intgħatat spjegazzjoni dettaljata.



Mistoqsija oħra kienet dwar ir-rivalwazzjoni tal-investimenti. Fir-risposta ntqal li l-profitt huwa mhux realizzat, u ntgħatat ukoll spjegazzjoni dettaljata dwar dan. Intqal ukoll li hemm madwar €10 miljun li jistgħu jitqassmu bħala dividendi, iżda għalissa dawn ma jistgħux jitħallsu sakemm tasal ir-risposta mill-MFSA.

Is-Sur Anthony Farrugia ppreżenta diversi figuri dwar il-prezz tal-ishma matul is-snin, inkluż l-ammont ta' negozju li sar kull sena f'din il-kumpanija. Fir-risposta ntqal li l-kumpanija GlobalCapital kienet inbidlet għal Holding Company, u fl-2020 saret separazzjoni bejn il-Holdings u l-Assigurazzjoni.

Mistoqsija oħra kienet dwar il-possibbiltà ta' *buy-back* ta' €750,000. Fir-risposta ntqal li l-kumpanija diġà qed tixtri ishma mis-suq, li wassal biex il-prezz jogħla xi ftit, u li hemm il-ħsieb li dan il-proċess ikompli. Is-Sur Farrugia kompla jitkellem dwar il-volum ta' negozju annwali, u saret diskussjoni wkoll dwar il-perċentwal tal-*free float* tal-kumpanija. Tkellimna wkoll dwar l-investimenti relatati mal-pensjonijiet, fejn intqal li bħala kumpanija jinvestu b'mod sinifikanti fis-suq lokali.

Fl-aħħar, is-Sur Farrugia ssuġġerixxa li għandu jkun hemm *performance bonus* għall-ogħla tmexxija tal-kumpanija, peress li dan ikun ta' benefiċċju għall-azzjonisti. Fir-risposta ntqal li kemm fil-LifeStar Insurance kif ukoll fil-Holdings, din il-proposta qed tiġi kkunsidrata.

**Fis-17 ta' Frar 2026**, filgħaxija, ġiet organizzata l-110 konferenza tal-MASS, li saret fil-Lukanda Radisson, f'San Ġiljan. Is-suġġett kien 'Ir-Riskju tal-Bonds', u l-kelliema kienet is-Sinjura Francesca Grech, *Senior Manager – Capital Markets Supervision* fl-MFSA.



Qabel bdiet il-laqgħa, intgħata aġġornament dwar fejn saru l-aħħar laqgħat u l-impenji tal-MASS, u dawk ippjanati għall-ġimgħat ta' wara. Imbagħad ġew diskussi diversi suġġetti attwali ta' dak iż-żmien, fosthom fuq il-kumpanija Loqus, MIDI, LifeStar, Malita, HSBC Bank/ Credia Bank, RS2, il-kalendarju tal-laqgħat ġenerali annwali li kienu qed jiġu mħabbra mill-kumpaniji, artiklu li kien ħareġ dak iż-żmien minn Rizzo,









iż-żjara ppjanata fil-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, kif ukoll il-*buy-backs* li kienu qed isiru minn M&Z u BOV, fost oħrajn.

Wara, il-kelliema tat preżentazzjoni twila u interessanti ħafna dwar is-suġġett tar-riskju tal-bonds. Bħal dejjem, waqt it-taħdita saret diskussjoni mal-membri preżenti u tqajmu bosta mistoqsijiet. L-attendenza għal din il-laqgħa kienet tajba ħafna. Wara l-preżentazzjoni, din intbagħtet lill-membri tal-MASS permezz ta' imejl.

**Fit-18 ta' Frar 2026**, filgħaxija, saret il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Merill Funds tal-Kumpanija Jesmond Mizzi, li nżammet fil-Lukanda Marriot, f'San Ġiljan. Għal din il-laqgħa attendew madwar 35 persuna, inkluż membru




mill-kumitat tal-MASS. Matul il-laqgħa ntgħatat spjegazzjoni dwar id-diversi fondi li għandha din il-kumpanija, kif ukoll dwar l-andament tagħhom matul is-sena li għaddiet.

**Fid-19 ta' Frar 2026**, filgħodu, wħud mill-membri tal-kumitat tal-MASS, attendew għal-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-MaltaPost, li saret fil-Lukanda Westin, f'San Ġiljan. Fl-introduzzjoni tiegħu, iċ-Ċermen tal-kumpanija, is-Sur Joseph Said, qal li kien hemm 80% tal-azzjonisti preżenti għal-laqgħa. Minnufih warajh, is-Segretarju tal-kumpanija, is-Sur Mauro Portelli, qara l-avviż tal-laqgħa.




Imbagħad is-Sur Said għamel l-indirizz tiegħu lill-azzjonisti, fejn qal li l-kumpanija għamlet progress minkejja l-isfidi li qed tiffaċċja. Huwa ħabbar li se jitħallas dividend nett ta' €0.024 għal kull sehem (€0.037 gross). Kompla jispjega li l-kumpanija se tkompli tinvesti; fil-fatt żiedet il-vetturi tagħha, inkluż dawk elettriċi. Fil-kumpanija tal-assigurazzjoni IVALIFE, qed ikomplu jespandu u jiddiversifikaw. Għall-futur, qal li se jibqgħu jikbru, u bħalissa għandhom madwar 1,800 azzjonist. Fl-aħħar tad-diskors tiegħu, irringrazzja lis-Sur Graham Fairclough,

li kien segretarju tal-bord, li ħalliena ftit xhur ilu, u li ta kontribut u servizz impekkabbli lill-kumpanija sa minn meta twaqqfet.

Wara beda s-sessjoni tal-mistoqsijiet. L-ewwel mistoqsija kienet dwar l-ispejjeż tal-kumpanija u jekk dawn humiex se jkomplu jiżdiedu. Fir-risposta ntqal li l-ispejjeż huma marbuta mad-dħul; meta jiżdied id-dħul, huwa normali li jiżdiedu l-ispejjeż. Is-Sur Anthony Farrugia, President tal-MASS, staqsa dwar l-assigurazzjoni u jekk hemmx ħsieb li l-impjegati jiddaħħlu f'din l-iskema. Fir-risposta ntqal li dan is-suġġett għadu qed jiġi diskuss fi ħdan il-bord.




Is-Sur John Cachia, mill-kumitat tal-MASS, feraħ għar-riżultati u staqsa dwar il-kontijiet u l-awdituri: jekk kienx hemm xi anzjetà fuq każ partikolari. Ir-rappreżentant tal-awdituri rrisponda l-mistoqsija u qal li ma kienx hemm anzjetà fuq dan il-każ. Mistoqsija oħra relatata kienet dwar it-tibdil tal-awdituri li ilhom 27 sena jagħtu servizz. Fir-risposta ntqal li l-governanza tal-kumpanija hija b'saħħitha, l-awdituri qed joperaw skont ir-regolamenti, u r-rotazzjoni qed issir internament.

Is-Sur Tarcisio Barbara mill-MASS, staqsa dwar il-postaġġ tal-ittri u r-rata tal-ħlas. Fir-risposta ntqal li l-postaġġ tal-ittri qed jonqos bejn 8% u 11% kull sena u d-dħul minn dan is-servizz qed ikompli jonqos, minkejja li r-rata tal-ħlas żdiedet. Saru wkoll mistoqsijiet oħra fuq diversi suġġetti, u fl-aħħar nett tressqu r-riżoluzzjonijiet, li kollha ġew approvati.

**Fl-24 ta' Frar 2026**, filgħodu, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS attendiet għal laqgħa ta' informazzjoni mal-kumpanija MIDI, fl-uffiċini tagħha f'Manoel Island, il-Gżira. F'isem il-kumpanija attendew l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Mark Portelli, kif ukoll l-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sur Jesmond Micallef.

Fil-bidu tal-laqgħa, jiena, Tarcisio Barbara, tlabt aġġornament dwar dak li kien iddikjarat mill-Prim Ministru ftit jiem qabel fir-rigward tal-proġett ta' Manoel Island. Is-Sur Portelli kkonferma dak li qal il-Prim Ministru, jiġifieri li n-negozjati mal-awtoritajiet waslu fl-aħħar stadji bil-għan li tiġi terminata l-kirja (ċens) tal-art ta' Manoel Island, u konsegwentement il-proġett ma jsirx. Madanakollu, il-ftehim finali jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament u, sussegwentement, irid jitressaq għal riżoluzzjoni f'Laqgħa Ġenerali Straordinarja li għandha tissejjaħ mill-kumpanija MIDI.



Huwa kompla jispjega li lejn l-aħħar ta' Jannar, id-Dipartiment tal-Artijiet ikkonkluda l-proċess ta' awditjar u sab, b'mod ġenerali, li l-pożizzjoni tal-kumpanija kienet valida. Madanakollu, kien indikat li l-Gvern mhux lest iħallas l-ammont kollu mitlub, u li kwalunkwe tnaqqis se jaffettwa lill-azzjonisti, peress li l-prezz ikun inqas minn dak oriġinarjament mitlub. Intqal ukoll li l-valur nett tal-assi (NAV) fl-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali kien ta' 43 ċenteżmu, filwaqt li l-prezz tal-IPO kien ta' 45 ċenteżmu.

Wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali, iridu jittieħdu deċiżjonijiet importanti, inkluż jekk il-kumpanija għandhiex tiġi likwidata jew inkella tkompli topera, pereżempju billi tiġġenera dħul mill-kirjiet jew permezz ta' proġetti oħra. Intqal ukoll li dawn it-taħditiet mistennija jingħalqu fi żmien 15-il jum, bil-għan li l-proċess ikun konkluż sa tmiem Frar. Fl-aħħar nett, is-Sur Portelli esprima fiduċja li jintlaħaq ftehim.

Min-naħa tal-MASS, issuġġerixxejna u ġie miftiehem li tintbagħat ittra lill-Ministru tal-Artijiet, b'kopja lill-Prim Ministru u lill-Ministru tal-Ambjent, sabiex fil-prezz finali jitqies li hemm eluf ta' detenturi ta' bonds u mijiet ta' azzjonisti, li ħafna minnhom huma anzjani. *(Din l-ittra ntbagħtet minnufih mill-MASS, u kopja tagħha tinsab f'paġna 16).*

**Fil-25 ta' Frar 2026**, wara nofsinhar, delegazzjoni mill-Kumitat tal-MASS, ġiet mistiedna mill-bank HSBC, flimkien mal-ġurnalisti u r-rappreżentanti tal-unjins, għal laqgħa dwar ir-riżultati finanzjarji tal-bank għas-sena li għaddiet. Aktar kmieni kien hemm laqgħa simili mal-i*stockbrokers*.

Fil-bidu tal-laqgħa, iċ-Ċermen tal-bank, is-Sur Manfred Galdes, għamel introduzzjoni u ta d-dettalji tal-konferenza. Wara, l-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, is-Sur Geoffrey Fichte, ippreżenta l-punti ewlenin tar-riżultati finanzjarji tal-bank għas-sena 2025. Huwa qal li l-bank għandu madwar 8,000 azzjonist. B'kollox, id-dividend gross li ntgħata u li se jintgħata huwa ta' €0.184, filwaqt li fis-sena 2024 kien ta' €0.22. Żied jgħid ukoll li fl-2026 se jibdew jagħtu dividend kull tliet xhur. Kompla jispjega li n-numru ta' klijenti qed jiżdied u li s-self żdied b'10%. Semma wkoll li qed jaħdmu biex it-transizzjoni mill-HSBC għal Credia Bank issir b'mod bla xkiel. Barra minn hekk, ħabbar li qed jiġu ntrodotti diversi inizjattivi ġodda u li l-bank rebaħ l-*award* tal-Financial Times "*Banker of the Year*". Fl-aħħar, ta ħarsa 'l quddiem dwar kif jistennew li jmur il-bank matul din is-sena.

L-Uffiċjal Kap Finanzjarju, is-Sinjura Charlotte Cilia, ippreżentat id-dettalji ewlenin tal-qagħda finanzjarja tal-bank għas-sena 2025. Hija qalet li l-bank irreġistra profitt qabel it-taxxa ta' €109 miljun, tnaqqis ta' €45.4 miljun jew 29%. Spjegat li dan it-tnaqqis seħħ minħabba t-tnaqqis fir-rati tal-imgħax kif ukoll żjieda fl-ispejjeż ta' 4%. Madanakollu, kien hemm ukoll rilaxx ta' telf fuq kreditu ta' €9.5 miljun.












Waqt is-sessjoni tal-mistoqsijiet, is-Sur Anthony Farrugia, President tal-MASS, staqsa dwar id-dettalji tat-*takeover* tal-bank u x'inhuma l-prospetti għas-sena li ġejja. Fir-risposta ntqal li bħalissa għaddejja trasformazzjoni, b'aġġornamenti kontinwi u servizzi lill-konsumaturi, u li fl-aħħar mill-aħħar kollox irid jiġi approvat mir-regolaturi.

Is-Sur Albert Azzopardi mill-MASS staqsa jekk il-bank il-ġdid hux se jżomm il-politika tad-dividend. Fir-risposta ntqal li ma jistgħux jitkellmu f'isem il-bank il-ġdid, iżda ġie kkonfermat li din is-sena se jintgħata dividend kull tliet xhur, li jammonta għal 60% tal-profitt. Fl-aħħar nett, iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa wara li rringrazzja lil kulħadd.

**Fis-26 ta' Frar 2026**, wara nofsinhar xi membri mill-Kumitat tal-MASS, attendew għal laqgħa mal-Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Calamatta Cuschieri Stockbrokers, is-Sur Nick Calamatta. Din il-laqgħa ssir minn żmien għal ieħor sabiex, minbarra li niddiskutu l-andament tas-suq lokali, inkunu nistgħu wkoll inressqu suġġerimenti u lmenti mill-membri tagħna. Matul din il-laqgħa, tkellimna dwar diversi kumpaniji li kienu fil-fokus dak iż-żmien. Iddiskutejna wkoll il-*buy-backs* li qed isiru minn diversi kumpaniji elenkati.

Imbagħad għaddejna biex niddiskutu xi suġġerimenti, fosthom dwar il-prezz minimu tal-ordnijiet, bil-ħsieb li jekk possibbli dan jiżdied sabiex jitnaqqsu abbużi fis-suq tal-Borża. Tkellimna wkoll dwar iċ-ċertifikati tad-dividendi li jintalbu mid-Dipartiment tat-Taxxa. Semmejna wkoll il-kwistjoni tal-frazzjonijiet tal-ishma meta jintgħataw *bonus shares*, kif ukoll il-privileġġi offruti minn diversi kumpaniji, u li dawn għandhom japplikaw ukoll għall-azzjonisti li għandhom l-ishma tagħhom taħt nomini.

Aktar tard iddiskutejna l-bonds li kienu qed jinħarġu fis-suq dak iż-żmien. Fl-aħħar nett, u forsi l-aktar punt importanti, tkellimna dwar is-suġġeriment tal-MASS, li tiġi organizzata laqgħa għal dawk li jużaw, jew li fil-futur jistgħu jużaw, il-pjattaforma ta' Calamatta Cuschieri - Moneybase, sabiex jifhmu aħjar kif għandhom jużawha. Aktar tard kellna niftiehmu biex niffissaw data għal dan l-avveniment.

**Fis-26 ta' Frar 2026**, wara nofsinhar, saret laqgħa tas-sotto kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi suġġetti bi preparazzjoni għal-laqgħa tal-kumitat li kienet se ssir aktar tard.



**Fis-26 ta' Frar 2026**, wara nofsinhar ukoll, saret il-laqgħa tal-Kumitat tal-MASS, fil-Borża ta' Malta, il-Belt Valletta. [Id-9 membri tal-Kumitat kienu kollha preżenti].

Il-President fetaħ il-laqgħa fl-4.15 pm u kompla bl-Aġenda li ġejja:

1. Qari tal-minuti tal-aħħar laqgħa
2. Riżultati mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Riżultati tal-laqgħat u żjarat li saru
5. Websajt u Facebook tal-MASS
6. LĠA MASS – Rapporti Annwali
7. Faċilità Finanzjarja
8. Laqgħat u Konferenzi li jmiss
9. Affarijiet Oħra

**1. Qari tal-Minuti**
Is-Segretarja Ġenerali qrat il-minuti tal-aħħar laqgħa tal-Kumitat. Kien hemm żewġ korrezzjonijiet li ġew emendati. Il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**2. Riżultati li joħorġu mill-Minuti**
Fondi MCVS (CSF) – Il-MASS irċeviet ittra ta' impenn għall-approvazzjoni ta' rimborż ta' €1462.80 li jkopri 60% tal-ispejjeż eliġibbli ta' dak li applikat għalih il-MASS.

Żjarat MASS – Qed jiġu organizzati 3 żjarat tal-MASS: żjara fil-MaltaPost, żjara fl-APS Bank, u żjara fil-Bank Ċentrali ta' Malta. Għad m'hemmx dati stabbiliti għal dawn iż-żjarat.

Websajt tal-MASS – Olena Borg baghtet il-link tas-sit il-ġdid lill-membri tal-Kumitat. Is-sit tagħna issa huwa professjonali kif imfassal mill-*webhoster* imqabbad mill-MASS, AlphaTec. Is-sit għadu mhux *live* peress li għad hemm xi traduzzjonijiet pendenti.

Laqgħa ma' Malita – Dr Robert Suban minn Malita se jikkuntattja lill-MASS biex jorganizza laqgħa.

Fondi SIS – Se tinħareġ sejħa għal dawn il-fondi f'Mejju 2026. Il-MASS biħsiebha tapplika għal dawn il-fondi u tippreżenta proġett għall-2027. Mark De Marco ppropona proġett possibbli li jikkonsisti f'*workshops* dwar il-Litteriżmu Finanzjarju, fejn jiġu ngaġġati esperti biex jikkowċjaw lill-membri tagħna, u possibbilment ukoll lill-pubbliku ġenerali, dwar kwistjonijiet relatati ma' ekwitajiet u bonds, ir-riskji involuti, u l-proċessi ta' applikazzjoni.



Il-fondi jintużaw biex ikopru l-post, il-ħlasijiet tal-kelliema, ospitalità, eċċ.

Konferenza Better Finance – Intlaħaq ftehim li Tarcisio Barbara, Mark De Marco u John Cachia, jattendu din il-konferenza li se ssir f'Ġunju 2026. Kevin Mizzi se jiċċekkja l-ispejjeż tal-akkomodazzjoni.

Laqgħat u Konferenzi li jmiss – Saret laqgħa ma' MIDI fil-25 ta' Frar 2026. Ġiet abbozzata u mibgħuta ittra lill-Ministru Owen Bonnici, dwar il-prezz tal-ishma li fadal ta' MIDI u li dan se jaffettwa lill-azzjonisti minoritarji.

**3. Korrispondenza**
Il-korrispondenza riċevuta ġiet iċċirkolata lill-membri tal-Kumitat.

**4. Riżultati tal-Laqgħat li saru**
Kif imsemmi hawn fuq.

moneybase

Premium investing, with **ultra low fees** on the Malta Stock Exchange.

**IPOs**
**No fees.**

**Stocks & Bonds**
From €1.25, max 0.1%.

**Treasury Bills**
From €9.99, max 0.05%.




Calamatta Cuschieri | moneybase

This is a marketing communication. The value of investments may go up as well as down and investors might not get back the original amount invested. All rates available on moneybase.com/invest/stocks/. Calamatta Cuschieri Investment Services Ltd (CCIS) C13729 is licensed by the MFSA to provide investment services under the Investment Services Act. CCIS registered address at Level 0, Ewropa Business Centre, Dun Karm Street, Birkirkara BKR 9034, Malta.



**5. Websajt u Facebook tal-MASS**
Kif imsemmi hawn fuq.

**6. LĠA tal-MASS – Rapporti Annwali**
Il-LĠA tal-MASS se ssir fis-17 ta' Marzu 2026, fil-Kumpless Daniż fil-Mellieħa. Il-minuti tal-aħħar LĠA, ir-rapport amministrattiv għall-2025 u r-rapport finanzjarju għall-2025 ġew ippreparati.

**7. Faċilità Finanzjarja**
Il-Kumitat iddeċieda li għal raġunijiet prattiċi, minbarra t-Teżorier, membru ieħor tal-Kumitat, Albert Azzopardi, ikollu aċċess għall-faċilità bankarja tal-Assoċjazzjoni. Mark De Marco se jiċċekkja jekk jistax jinkiseb *token* ieħor.

**8. Laqgħat u Konferenzi li jmiss**
Il-LĠA tal-MASS se ssir fis-17 ta' Marzu 2026.
Fit-8 ta' April, se jsir avveniment għand Calamatta Cuschieri, dwar il-pjattaforma Moneybase.
Fil-15 ta' April, il-Bank Ċentrali ta' Malta se jorganizza konferenza dwar pagamenti SEPA. Din se ssir fil-bini tal-Bank u dawk li jattendu jridu jippreżentaw il-karta tal-identità tagħhom mad-dħul.

**9. Affarijiet Oħra**
Mark De Marco ssuġġerixxa li fil-każ improbabbli li l-Assoċjazzjoni tikkunsidra x-xoljiment, il-Kumitat ikun liberu li jinnomina liema karitajiet jirċievu kwalunkwe fondi residwi. Huwa ppropona li din id-dispożizzjoni tiddaħħal fl-istatut tal-Assoċjazzjoni.

Olena Borg issuġġeriet li perjodikament artikli mill-websajt ta' Better Finance jidhru fin-*newsletter* tagħna jew fuq il-paġna Facebook.

Il-Kumitat iddeċieda li wara l-inċident li seħħ waqt il-konferenza tal-MASS fis-17 ta' Frar 2026, il-membru inkwistjoni jissejjaħ għal laqgħa mal-Kumitat fil-11 ta' Marzu 2026 fl-4 pm qabel il-konferenza tal-MASS.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30 pm

***Anthony Farrugia***
President

***Mary Farrugia***
Segretarja Ġenerali



Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors
(VO 0629)

Assoċjazzjoni Maltija tal-Azzjonisti Minoritarji u Investituri bl-Imnut.

C/O: Malta Stock Exchange plc, Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063

Ministru tal-Artijiet
On. Dr. Owen Bonnici
Palazzo Lucia
Belt Valletta

**Proġett ta' Manoel Island**

25 ta' Frar 2026

Onorevoli Ministru,

Wara l-aħbarijiet li smajna f'dawn l-aħħar jiem, partikolarment dawk li ħarġu mil-laqgħat li kellu l-Prim Ministru, smajnieh jiddikjara li, fil-każ tal-MIDI fuq il-proġett ta' Manoel Island, in-negozjati waslu fl-aħħar stadji tagħhom, sabiex dan il-każ jingħalaq b'mod definittiv.

Aħna, bħala Assoċjazzjoni li tirrappreżenta lill-azzjonisti minoritarji u lill-investituri f'din il-kumpanija, nixtiequ nenfasizzaw li l-ewwel u qabel kollox il-bond holders għandhom jingħataw flushom lura kollha, inkluż l-imgħaxijiet dovuti għal din is-sena.

Barra minn hekk, nemmnu li l-azzjonisti għandhom jingħataw il-valur nett (net asset value) tal-kumpanija, kif rifless fil-kotba tagħha fid-data li fiha jintlaħaq il-ftehim mal-Gvern. B'dan il-mod, dawn l-investituri — li l-maġġoranza tagħhom huma persuni anzjani — ikunu qed jirċievu dak li ġustament jixirqilhom, speċjalment fid-dawl tal-fatt li dan il-proġett mhux ser jitwettaq. Infakkru li l-kumpanija ilha llistjata għal 15-il sena, u li l-valur nett tagħha llum huwa simili għal dak ta' 15-il sena ilu; għaldaqstant, l-azzjonisti diġà sofrew telf fil-valur tal-investiment tagħhom.

Nirringrazzjawk tal-attenzjoni tiegħek u nittamaw li t-talba tagħna tiġi kkunsidrata b'serjetà.

Grazzi

Tislijiet

Tarcisio Barbara
Viċi-President u PRO
Malta Association of Minority Shareholders
& Retail Investors (MASS VO 629)

E: info@mass.org.mt W: www.mass.org.mt
Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors

# Uħud mill-Messaġġi, Ittri u Imejls tagħkom

Grazzi Tarcisio, prosit tax-xogħol – **JC**

Prosit tax-xogħol siewi kollu li tagħmlu - VC

I am a pensioner and hold a number of shares on which I'm charged 35% at source.
Am I obliged to submit a tax return? **- AC**

Good morning Tarcisio.
Kindly read this part of the 2026 Budget Speech which I am sending you. If this is what I think it is, it might be important that someone comes to explain, preferably in January, so that we do not pay the 15% tax on our earnings from the Bonds. The 15% tax is not refundable.

*The official **Budget Speech (2026)** states pensioners will not be required to pay tax on the maximum-pension equivalent and that, **from next year**, pensioners with income above that level (including working pensioners) will have **TWICE the maximum pension equivalent** exempt from taxable income (i.e. it will not be included in tax calculations). finanzi* **- MG**

Dear MASS Committee,
I hope you are well. As a paid member of MASS, I am writing to express my deep concern about recent developments surrounding Malita plc and their potential implications for small investors like myself.
A number of shareholders, including myself, are increasingly worried about what appears to be a significant deterioration in governance standards and the degree of ministerial involvement in the company's strategic and operational decisions. These issues have already contributed or may imminently contribute to substantial losses for small investors who have trusted Malita plc with their long-term savings. Of notable importance is the decision by the board of directors not to distribute dividends earlier this year in a surprise announcement.
Given MASS's mission to safeguard the interests of minority shareholders, I respectfully request that the organisation considers taking an active role in:
1. Assessing whether recent government or ministerial interventions in Malita plc may have breached principles of good governance or shareholder fairness, and
2. Exploring the feasibility of a coordinated legal strategy, including the potential for a class action, should there be grounds to do so.
Many small investors feel increasingly vulnerable, uncertain, and unrepresented in the face of actions that may be eroding shareholder value. MASS's support, expertise, and advocacy could make a crucial difference at this critical time.
I would greatly appreciate an update on whether MASS is currently evaluating this situation, and what steps, if any, are being considered to protect minority shareholders.
Thank you for your ongoing work on behalf of small investors. I remain ready to support any initiative that strengthens accountability and transparency in Malta's investment landscape. **- AM**

Bonġu, Nixtieq aktar tagħrif fuq kif nista' nissieħeb fil-MASS.
Napprezza ħafna jekk tkun tista tibgħatli x'irrid nagħmel.
Grazzi u saħħa. – **MV**

Dear Mr Barbara, Is it possible to have a short discussion on the phone with you or another member of the MASS board regarding the Hili shares? I live in Gozo and as such it is not easy for me to attend the conferences.
I look forward to an early reply.
Regards, **- CA**

Għażiż Sur Barbara, Nibda billi nixtieq lilek u lill-għeżież tiegħek, Sena Ġdida mimlija Sliem, Hena, Barkiet, Paċi u Grazzji tal-Mulej Ġesù.
Waqt li kont qed nara *portals* tal-aħbarijiet, iltqajt ma' dan l-artiklu:
*https://theshiftnews.com/2025/12/29/hsbc-europes-exit-leaves-maltese-shareholders-bearing-e10-million-cost/*
Taħseb li jkun tajjeb li dan l-artiklu jiġi diskuss f`xi laqgħa tal-MASS jew tittieħed xi azzjoni oħra li intom bħala l-Kumitat tagħna tal-MASS jidhrilkom li tkun fl-aħjar interess tagħna?
Grazzi ħafna u tislijiet **- CS**

Hi, I read that €10M is to be borne by the shareholders of HSBC.
Who should represent them?
I don't think what is happening is fair.
Is it by the blessing of MFSA?
Best Regards – **MRC**

Għażiż Sur Tarcisio Barbara,
Nirringrazzjak tax-xogħol kollu tagħkom u nixtiqilkom is-sena 2026 kollha paċi u saħħa.
Inselli għalikom. **- JB**

**Ninfurmaw lil kulħadd li dawn il-Messaġġi, Ittri u Imejls tagħkom, fejn kien possibbli kollha ġew imwieġba. Grazzi lil kulħadd.**

# MIN JIRĊIEVI N-NEWSLETTER

Għeżież membri, aħna qed nibagħtu n-Newsletter: Shareholders' News kważi kull xahar bil-posta lil dawk il-membri kollha li jħallsu l-miżata regolarment, kif ukoll dawk li jixtiquha permezz tal-imejl. B'dan il-mezz tal-aħħar inkunu qed niffrankaw il-posta li għoliet ħafna.

Dawk il-membri li ma jħallsux il-miżata u li huma mniżżlin fl-indirizzi tagħna bħala *The Resident*, il-fuljett ma jirċevuhx regolarment. Lil dawn il-membri, aħna nibagħtulhom il-fuljett *at random*, minn fuq lista ta' aktar minn 3,000 indirizz li għandna.

Inħeġġeġ lil dawn il-membri (The Residents) biex jibdew iħallsu l-miżata, ħalli jibdew jirċievu dan il-magażin kull xahar, kif ukoll jieħdu l-benefiċċji kollha mill-Assoċjazzjoni, fosthom li jattendu laqgħat u konferenzi, inkluż xi bibiti.

# Miżati tal-Membri fil-MASS

Wara s-suċċess tal-aħħar laqgħat u konferenzi li organizzajna, fejn rajna żjieda sinifikanti fin-numru ta' parteċipanti, il-Kumitat tal-MASS ħa d-deċiżjoni li, minn issa 'l quddiem, l-attendenza għal dawn l-attivitajiet tkun limitata għal membri reġistrati biss.

Dan japplika wkoll għall-konjuġi jew *partner* tal-membri, li sabiex jattendu jridu jkunu membri tal-MASS huma wkoll. Din il-miżura qed tittieħed biex niżguraw ġustizzja u sostenibbiltà fl-organizzar tal-attivitajiet tagħna.

Kif tafu, f'diversi minn dawn il-laqgħat nipprovdu riċevimenti u servizzi oħra mingħajr ħlas addizzjonali għall-parteċipanti. Dawn jinvolvu spejjeż konsiderevoli li qed jiġu assorbiti mill-assoċjazzjoni. Filwaqt li diġà hemm diversi koppji li jħallsu l-miżati tagħhom separatament, issa dan se jsir rekwiżit obbligatorju għal kulħadd.

Napprezzaw ħafna l-kooperazzjoni tagħkom f'dan ir-rigward, sabiex inkunu nistgħu nkomplu noffru dawn l-attivitajiet u nżommu livell għoli ta' organizzar u ospitalità. L-għan tagħna huwa li, bl-appoġġ tagħkom, inkomplu nipprovdu esperjenza pożittiva u ta' valur għal kulħadd, anke jekk formalment m'aħniex obbligati nipprovdu dawn ir-riċevimenti.

**Infakkru li l-miżata tas-sħubija fil-MASS hija waħda modesta:**

- **€20 għal perijodu ta' 5 snin, jew**
- **€10 għal perijodu ta' sentejn.**

**Biex tapplikaw tistgħu tużaw il-formola f'paġna 19, jew direttament waqt xi laqgħa/konferenza.**

**Nirringrazzjawkom tal-fehim u l-appoġġ kontinwu tagħkom.**

**F'Isem il-President u Membri tal-Kumitat tal-MASS, Nawgurawlkom l-Għid it-Tajjeb**



# Avviżi

## IL-112-IL KONFERENZA TA' APRIL

**Data:** L-Erbgħa 8 ta' April 2026
**Suġġett:** 1. Sena ta' Volatilità li toħloq Opportunitajiet fis-Suq
2. Kif tuża l-Platform Moneybase għall-Investimenti
**Kelliema:** Is-Sur Jordan Portelli - Chief Investment Officer
Is-Sur Ian Farrugia - Chief Technical Officer
[It-Tnejn huma minn Calamatta Cuschieri Stockbrokers.]
**Post:** Calamatta Cuschieri Birkirkara (parkeġġ ipprovdut)
**Ħin:** Kafè fil-5:30 pm u l-laqgħa tibda fis-6:00 pm

**Min se jattendi jipprovdi l-imejl tiegħu**

## IL-113-IL KONFERENZA TA' APRIL

**Data:** L-Erbgħa 15 ta' April 2026
**Suġġett:** Informazzjoni fuq SEPA Payments u SWIFT
**Kelliema:** Is-Sur Edward Magro Deputy Head Payments and Banking Department
Is-Sur Kirsten Ellul Manager Payments Policy and Compliance Office
[It-tnejn huma mill-Bank Ċentrali ta' Malta.]
**Post:** Binja Laparelli, Bank Ċentrali ta' Malta, il-Belt Valletta
**Ħin:** Fis-6:00 pm Kafè; fis-6:30 pm Konferenza

**Importanti li kull min se jattendi jrid jibbukkja jew b'imejl, messaġġ, jew fuq mobajl 99494878 u jagħti ismu u l-ID u kulħadd irid iġib il-karta tal-identità miegħu.**

## IL-114-IL KONFERENZA TA' MEJJU

**Data:** It-Tlieta 12 ta'Mejju 2026
**Suġġett:** Taxxa fuq il-Pensjonijiet u Mistoqsijiet ġenerali dwar it-Taxxa
**Kelliema:** Is-Sinjura Gineve Schembri - Senior Manager, MTCA
Is-Sur Patrick Mifsud - Officer in grade 4, MTCA
Is-Sur Paul Briffa - Revenue Inspector, MTCA
Is-Sur Mario Camilleri - Senior Service Expert, Servizzi.gov
minn MTCA: Malta Tax & Customs Administration
**Post:** Borża ta' Malta, il-Belt Valletta
**Ħin:** Fil-5:30 pm Kafè; fis-6:00pm Konferenza

**Qed jiġu ppjanati konferenzi oħrajn fuq suġġetti importanti li dwarhom membri tal-MASS qed juru interess. Dawn il-konferenzi se jiġu mħabbra fil-ġimgħat li ġejjin permezz ta' imejl.**

**MEMBERSHIP APPLICATION FORM** (IKTEB B'ITTRI KBAR)

NIXTIEQ INSIR MEMBRU / INĠEDDED IS-SĦUBIJA TAL-

**MALTA ASSOCIATION OF MINORITY SHAREHOLDERS & RETAIL INVESTORS.**

Isem u kunjom: ______________________

Indirizz: ______________________

Kodiċi Postali: ____________ ID: ____________

Tel ____________ Mowbajl____________ Imejl: ____________

Qed nibgħat ċekk ta' €_______, f'isem il-MASS.

MASS C/O Malta Stock Exchange Plc. Garrison Chapel, Castille Place, Valletta VLT 1063

**Jien niddikjara li nimxi skont l-Istatut u l-aġġornamenti tiegħu.**

**Statut jinsab fuq il-Website tal-MASS**

FIRMA: ____________ DATA: ____________

**Il-ħlas għas-sħubija:**
**Sentejn – EUR 10.00**
**Ħames snin – EUR 20.01**
**50% skont lill-istudenti**

## Companies Supporting the Malta Association of Minority Shareholders & Retail Investors (MASS)

### DIAMOND

MALTA STOCK EXCHANGE

FIDEM INTEGRITAS PARIT

### PLATINUM

INTERNATIONAL HOTEL INVESTMENTS P.L.C.

APS bank — values you can bank on

BOV Bank of Valletta

HSBC

### GOLD

HARVEST

MALTA INTERNATIONAL AIRPORT

M&Z

moneybase

bmit

### SILVER

Investment Online

FIMBANK

GO

LOMBARD

LOQUS BUSINESS INTELLIGENCE

MEDSERV REGIS

PG plc

Farsons

malta post

SANTUMAS SHAREHOLDINGS plc

MAIN STREET

MAPFRE MIDDLESEA

MIDI

Plaza

### BRONZE

TRIDENT ESTATES PLC

Malta Properties

VBL Group

Jesmond Mizzi

AX GROUP